

- tannulla d-deċiżjoni tal-EPPO/Bord ta' Selezżjoni tal-21 ta' Marzu 2019 li tiċħad it-talba tar-rikorrent għar-reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Selezżjoni li ma tawtorizzax jipparteċipa fil-fażi sussegwenti tal-kompetizzjoni;
- tannulla d-deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2019 fil-kont tal-EPPO online li ma tinkludix lir-rikorrent fil-lista abbozzata ta' uffiċjali magħżula għall-finijiet tal-kompetizzjoni EPPO/AD/363/18;
- tannulla l-avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPPO/AD/363/18, ippubblikat fil-11 ta' Ottubru 2018, ⁽¹⁾ u fl-intier tagħha, il-lista abbozzata ta' uffiċjali magħżula jipparteċipaw fl-imsemmija kompetizzjoni u/jew tiddikjaraha illegali u inapplikabbli għar-rikorrent skont l-Artikolu 277 TFUE;
- tordna lill-konvenut iħallas lir-rikorrent EUR 50 000 bħala danni minħabba d-dannu li jirriżulta mid-deċiżjonijiet ikkontestati msemmija iktar 'il fuq;
- bħala kwistjoni preliminari, fejn xieraq, tiddikjara l-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal bħala invalidu u inapplikabbli fil-proċeduri preżenti, skont l-Artikolu 277 TFUE.

Motivi u argumnti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq allegat ksur manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-esperjenza professjonali tar-rikorrent u, f'dan il-kuntest, ksur tal-obbligu li tiġi motivata d-deċiżjoni u ksur tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 296 TFUE.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq allegat ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u ksur tad-dritt għal smiġh tar-rikorrent u, f'dan il-kuntest, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tal-Artikolu 296 TFUE.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikoli 1, 2, 3 u 4 tar-Regolament Nru 1 tal-1958 ⁽²⁾ u, f'dan il-kuntest, ksur tal-Artikoli 1d u 28 tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll tal-Artikolu 1(1)(f) tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ksur tal-evalwatur tat-talent fid-dawl tal-Artikoli 1d, 4, 7 u 29 tar-Regolamenti tal-Persunal.

⁽¹⁾ ĠU 2018 C 368A, p. 1.

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi r-reġim lingwistiku tal-Komunitá Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 5)

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2019 – JMS Sports vs EUIPO (Inter-Vion) (Elastiċi tax-xagħar f'forma spirali)

(Kawża T-823/19)

(2020/C 54/59)

Lingwa tar-rikors: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: JMS Sports sp. z o.o. (Łódź, il-Polonja) (rappreżentanti: D. Piróg u J. Słupski, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetá Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Inter-Vion S.A. (Varsavja, il-Polonja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tad-disinn kontenzjuż: ir-rikorrenti

Disinn kontenzjuż ikkonċernat: id-disinn Komunitarju (elastiċi tax-xagħar f'forma spirali) – disinn Komunitarju Nru 1723 677-0001

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Settembru 2019 fil-Każ R 1573/2018-3

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO;
- tikkundanna lill-intervenjenti, fil-każ li tintervjeni, għall-ispejjeż tagħha stess.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 6/2002, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) l-istess regolament;
- Ksur tal-prinċipju ta' tqassim tal-oneru tal-prova;
- Ksur tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2019 – Palírna U Zeleného stromu vs EUIPO - Bacardi (BLEND 42 VODKA)

(Kawża T-829/19)

(2020/C 54/60)

Lingwa tar-rikors: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrenti: Palírna U Zeleného stromu a.s. (Ústí nad Labem, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: T. Chleboun, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Bacardi & Co. Ltd (Meyrin, l-Isvizzera)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: l-applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea BLEND 42 VODKA – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 945 879

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' Settembru 2019 fil-Każ R 2531/2018-2